IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 51

4 ta` April 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 51.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li s-Sur Trevor Mizzi ser ikollu jitlaq ftit qabel mill-laqgha peress li ghandu appuntament li ma jistax jikancellah. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 49(07), fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

51.2.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li l-Ministru ikkoncernat wiegeb li ha jara l-kaz imma sa` issa l-Kunsill ghadu bla ebda risposta *(Minuti 49(07) 49.3.1)*

51.2.2 Is-Sur John Boxall spjega li waqt laqgha li huwa kellu fil-prezenza tal-Kunsillier Lawrence Attard u s-Segretarju Ezekuttiv saret diskussjoni dwar il-fondi li ntataw lill-Kunsill ghall-attivita tal-Birgufest u dwar progetti ohra li l-Kunsill ilu zmien japplika ghall-ghajnuniet finanzjarji imma li sfortunatament dejjem qed jirrizulta fin-negattiv. Is-Sur Boxall zied jghid li Diretricci, s-Sinjura Marisa Pisani fehmet is-sitwazzjoni u wriet l-interess li tghin lill-istess Kunsill. Is-Sur Boxall zied jghid li minn naha tal-Kunsill intbaghtu wkoll id-dokumenti kollha neccessarji dwar il-progetti tar-restawr tal-faccata tal-Berga ta` Franza u kif ukoll tal-progett tal-bandli lill-istess Diretricci. *(Minuti 49(07) 49.3.2)*

### 51.3 Zvilupp dwar il-Konferenza tal-Progett SOLIDA

Is-Sur John Boxall talab sabiex il-Kunsillier Lawrence Attard u l-Kunsillier Anton Gellel jghinnu matul il-jiem tal-konferenza. Is-Sur Boxall spjega wkoll li kollox jinsab preparat.

**51.4 Zvilupp dwar il-Berga tal-Ingliterra**

Is-Sur John Boxall gharraf lil dawk prezenti dwar laqgha li rega` kellhu ma' investitur flimkien ma` ghalliema tal-ballet fejn raw is-sala ta` fuq tal-Berga tal-Ingliterra u wrew interess sabiex jibdew issiru lezzjonijiet taz-zfin. Is-Sur Gellel issurgeriexxa li jsir forma ta` kuntratt biex jigi ndikat it-tul taz-zmien li ser ikun qed tintuza din is-sala. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**51.5 Korrispondenza**

51.5.1 Prezentata korrispondenza li ntbaghtet lill-Onorevoli Dr.Owen Bonnici dwar is-sitwazzjoni ta` abandun li jinsab fih il-Foss tal-Birgu.

51.5.2 Moqrija korrispondenza li ntbaghtet lill-LCA dwar il-progett li jaqa taht il-Programm LIFE+ , fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera nteress f`dan il-progett u wera xewqa tieghu li jkollu van 12 seater sabiex jintuza ghall-bzonnijiet tal-anzjani fil-lokalita. Barra minnhekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu identifika parking bay fi Triq il-Miratur sabiex issir recharging station ghal din l-istess vettura.

51.5.3 Mibghuta ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar "Letter of Intent" li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jixtieq jiffirma mall-belt ta` Lousada fil-Portugal. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu jemmen li b`dan l-iffirmar bejn iz-zewg t`ibliet, mhux ser tigwadanja biss il-belt tal-Birgu imma l-pajjiz kollu fis-settur turistiku.

51.5.4 Moqrija korrispodenza li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva mill-Ghaqda Piroteknika 10 t`Awwissu dwar attivita li ser titella fuq il-Belveder nhar it-Tnejn 30 ta` April 2018. Il-Kunsill approva din it-talba u talab sabiex issir il-permess mehtieg qabel id-data tal-attivita.

51.5.5 Prezentata kwotazzjoni ta` installazzjoni ta` cameras ghal Triq Emanuel Attard Bezzina u Triq Torri ta` San Gwann bhal ma diga giet installata fiz-zona tal-Fortini. Dawk prezenti qabblu li dawn il-camera ghandhom jigu mwahhla fit-toroq imsemmija.

51.5.6 Gie prezentata talba li ntbaghtet lill-perita Mireille Fsadni mir-Restoration Unit sabiex issir ir-restawr tan-nicca ta` San Guzepp li tinsab fi Triq Gilormu Cassar.

51.5.7 Prezentata ittra ta` approvazzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva mill-Ministeru tal-Finanzi dwar fondi li ser jinghataw sabiex jigu nstallati bike racks fil-lokalita tal-Birgu fi tlett zoni differenti.

51.5.8 Mibughta ittra ta` stedina lill-Onorevoli Dr. Michael Farrugia sabiex jindirizza delegati waqt wahda mill-konferenzi tal-Progett SOLIDA li ser issir bejn it-11 u 13 ta` April 2018 fil-Birgu.

51.5.9 Mibughta ittra lill-Onorevoli Dr. Owen Bonnici dwar progetti li kienu saru fil-Birgu u li jinsabu f`sitwazzjoni ta` abandun. Barra minn hekk is-Sindku talab sabiex ssir laqgha mall-Ministru fuq il-post sabiex ikun jista` jara huwa stess it-telqa li jinsabu fihom dawn il-progetti. Kopja ta` din l-ittra intbaghtet ukoll lill-Prim Ministru.

51.5.10 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill nehha il-korrispodenza tas-Sinjura Stanyer minn fuq il-facebook wara talba li ghamlet hija stess.

51.5.11 Mibughta ittra lill-Onorvoli Glenn Bedingfield dwar diversi progetti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jixtieq li jsiru fil-lokalita tieghu fosthom il-progett ghat-tfal bl-isem Senory Garden (fejn kien hemm l-Oil Tanking) u restawr tal-faccata tal-Berga ta` Franza.

51.5.12 Prezentata ittra li l-Kunsill ircieva mis-Sur Vince Mizzi, fejn talab permess sabiex matul l-attivitajiet tal-Birgufest 2018 ibiegh presepji zghar li jaghmel huwa stess gewwa l-Berga ta` Franza. Dawk prezenti laqghu u qabblu talba tas-Sur Mizzi.

51.5.13 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-fotografu li gie l-Birgu u l-Isla matul il-jiem tal-Gimgha Mqaddsa relatat ma` progett tal-fotograija mar tajjeb hafna u li kollox sar kif kien ppjanat.

51.5.14 Inbghatet ittra lill-Enemalta dwar installazzjoni ta` fanali (whip types) fi Triq Pawlu Boffa u dan ghal fatt li din iz-zona tinstab fi dlam u qed nistennew li jsir xi incident. Is-Sindku spjega li dawn iz-zewg fanali ghandhom issiru whip type mill-qosra u jitwahhlu fuq ic-cint.

51.5.15 Mibughta l-informazzjoni dwar il-laqgha generali li jmiss tal-Assoccjazzjoni AVEC. Il-laqgha li jmiss ser ssir gewwa Arles fi Franza bejn id-19 u l-20 ta` Gunju 2018.

51.5.16 Mibughta ittra lill-LCA dwar il-haddiema tal-Kunsill taht l-iskema Community Workers Scheme, fejn il-Kunsill qal li ma jaqbilx li l-haddiema jinghataw skond il-kobor tal-Kunsill u dan ghal fatt li l-Kunsill tal-Birgu, l-haddiema assenjati mieghu kollha ghandhom ix-xoghol taghhom u li huma ta` beneficcju kbir ghall-Kunsill.

51.5.17 Prezentati l-Minuti tar-Regjun tal-laqgha numru 06-2018, fejn is-Sur John Boxall irrimarka xi punti minn dawn il-minuti dwar il-fondi li gew mghoddija lir-Regjun u li issa Dipartiment qed jghid li dawn dahlu fil-kont tar-Regjun bi zball, liema fondi kienu ser jintuzaw biex issiru progetti f`dawk il-lokalitajiet li wrew interess. Barra minn hekk gie rrimarkat il-punt li tqajjem dwar il-fondi li nghataw ghall-attivitajiet kulturali fejn hafna mill-Kunsilli nghataw anqas flus mis-snin precedenti.

51.5.18 Prezentata ittra li l-Kunsill ircieva mis-Sur Sandro Agius fejn talab permess biex fl-attivita tal-Birgufest ta` din is-sena jkun jista jarma bl-ikel u xorb. Dwar dan, dawk prezenti qabblu u ma sabu l-ebda ogezzjoni.

51.5.19 Gie prezenat il-performance appriasal tas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2017, fejn is-Sindku propona li tinghta 9%. Dawk prezenti qabblu ma` dak propost. Is-Segretarju Ezekuttiv minn naha taghha rringrazzjat lis-Sindku u l-Kunsilliera.

**51.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.6.1 Is-Sur John Boxall gharraf lil dawk prezenti li l-haddiema tal-Kunsill ser jibdew jaghmlu xi xoghol ta` ffriskar ta` sinjali tat-toroq . Dan ser ssir wara li l-istess Kunsill inghata b`donazzjoni ammont sostanzjali ta` zebgha minn kumpanija privata.

51.6.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Hadd fl-Irxoxt, l-scammel kellu joghqod jistenna sakemm tinfetah l-access ghal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa li l-hwienet kellhom permessi jibqghu miftuhin sal-erbgha ta` wara nofsinhar minghajr mall-Kunsill ma gie nkulsultat dwar dan. Is-Sur Boxall zied jghid li minhabba din is-sitwazzjoni, il-Kunsill ser ikollu jhallas ghal spejjez zejda.

**51.7 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

51.7.1 Gie pprezentata ittra anonima mis-Sur Anton Gellel li rcieva personalment.

51.7.2 Is-Sur Gellel talab sabiex issir tabella fi Triq San Lawrenz li thgid reserved parking for residents only.

51.7.3 Is-Sur Anton Gellel ssugerriexa sabiex issir pugamann mat-tarag tas-simenta. Dwar dan is-suggeriment, is-Sindku qal li diga ittiehdu l-qisien u li l-Kunsill qed jistenna l-kwotazzjoni.

51.7.4 Is-Sur Gellel informa lil dawk prezenti dwar talba li saret minn xi residenti fi Triq Kanonku Luigi Fenech sabiex issir rampa habba l-wheelchair.

**50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4075 sa` BOV 4107 u sar bank tranfser wiehed. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 13 ta`Marzu 2018 sal-4 ta` April 2018.

**51.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (7.30pm). Il-Laqgha ma gietx aggornata ghal gurnata ohra.

Konfermati illum 9 ta` Mejju 2018

**IFFIRMATA**

John Boxall
Sindku

**IFFIRMATA**

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv